

Il-Ħamis 23 ta' Ġunju 2016

## III

(Atti preparatorji)

## IL-PARLAMENT EWROPEW

P8\_TA(2016)0281

**Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju bejn l-UE u l-Libanu (Ftehim Qafas) \*\*\***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fil-programmi tal-Unjoni (16136/2014 – C8-0044/2015 – 2014/0110(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 091/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16136/2014),
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Libaniża, min-naħa l-oħra, dwar Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fil-programmi tal-Unjoni (16135/2014),
  - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 212 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0044/2015),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0193/2016),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Libaniża.